MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1861/2001/1

***International Plastering Limited***

***Versus***

**Anthony u Maria Lucia konjuġi Baldacchino, u Joseph Baldacchino**

Din il-kawża hija dwar ħlas għal xogħol magħmul b'appalt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenuti għandhom jagħtu lis-soċjetà attriċi erbatax-il elf, erba' mija u erba' liri u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm14,404.85) bħala ħlas għal xogħol magħmul b'appalt mill-attriċi, li tkejjel quddiem il-konvenuti li aċċettaw il-kejl.

Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex iħallsu, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha erbatax-il elf, erba' mija u erba' liri u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm14,404.85), bl-imgħax minn dakinhar meta tlesta x-xogħol u bl-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandat ta' qbid (nru 3254/2001) u ta' mandat ta' sekwestru (nru 3255/2001).

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti, b'dikriet tal-5 ta' Frar 2002[1] ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hemm ebda rapport ġuridiku bejn il-konvenut Joseph Baldacchino u s-soċjetà attriċi, għax il-ftehim kien sar bejn l-attriċi u l-konvenuti l-oħra Anthony u Maria Licia Baldacchino; għalhekk Joseph Baldacchino għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;
2. ix-xogħol kollu li kellha tagħmel is-soċjetà attriċi ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa;
3. il-prezz li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi huwa wisq, għax maħdum fuq kejl ħażin tax-xogħol.

B'dikriet tad-9 ta' Mejju 2002 il-qorti ħatret lill-A.I.Ċ. Joseph Ellul Vincenti bħala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur tax-xogħlijiet fid-dawl tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti[2]. Il-perit irrelata fis-16 ta' Jannar 2003[3], fit-22 ta' Jannar 2004[4], u fl-24 ta' Frar 2004[5]. Għalkemm il-perit sab xi differenzi fil-kejl u fir-rati li fuqhom imxiet is-soċjetà attriċi, u għalhekk ħejja *priced bill of quantities*[6] li ma taqbilx ma' dik ta' l-attriċi, għax il-prezz skond il-perit kellu jkun ta' tnax-il elf, disa' mija u tmintax-il lira u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm12,918.81)[7], is-soċjetà attriċi qablet mal-konklużjonijiet tal-perit[8]. Il-perit qal ukoll illi, b'xi eċċezzjonijet żgħar li ma għandhomx importanza, ix-xogħol sar kif iridu l-arti u s-sengħa.

Il-qorti toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-perit; għalhekk tiċħad it-tieni eċċezzjoni u tilqa't-tielet eċċezzjoni billi tgħid illi l-prezz għandu jitnaqqas għal tnax-il elf, disa' mija u tmintax-il lira u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm12,918.81).

Fadal li nqisu l-ewwel eċċezzjoni, li tgħid illi l-konvenut Joseph Baldacchino kien imħarrek ħażin għax ma kienx parti fil-ftehim, li sar biss bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenuti l-oħra.

---

1 *Foll.* 9 *et seq.*
2 *Foll.* 19 *et seq.*
3 *Foll.* 41 *et seqq.*
4 *Foll.* 71 *et seqq.*
5 *Foll.* 80 *et seqq.*
6 *Foll.* 50 *et seqq.*
7 *Fol.* 57.
8 *Fol.* 91.

Il-konvenuti xehdu illi kull ma għamel Joseph Baldacchino, li jiġi bin il-konvenuti l-oħra, kien li laqqa' lil missieru, il-konvenut Anthony Baldacchino, mad-direttur ta' l-attriċi, għax lil dan id-direttur kien jafu billi kien jaħdem miegħu għal xi żmien, u wkoll għen lil Anthony Baldacchino fin-negozjati billi d-direttur ta' l-attriċi hu taljan u Anthony Baldacchino ma jafx wisq bit-taljan. Fl-*affidavit* tiegħu Sebastiano Guccione, id-direttur tas-soċjetà attriċi, qal illi Joseph Baldacchino "ġie fuqi u qalli illi missieru Anthony Baldacchino ried ikellimni … … …" Dan juri illi Guccione kien jaf illi kien qiegħed jittratta mal-missier, *i.e.* ma' Anthony, u illi Joseph kien biss il-messaġġier u l-interpretu, u ma kienx parti fil-ftehim.

Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni sejra tintlaqa'.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u teħles lill-konvenut Joseph Baldacchino mill-ħarsien tal-ġudizzju, tiddisponi mit-talba tas-soċjetà attriċi u mill-eċċezzjonjiet l-oħra billi tikkundanna lill-konvenuti konjuġi Baldacchino jħallsu lill-attriċi tnax-il elf, disa' mija u tmintax-il lira u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm12,918.81), flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż tal-konvenut Joseph Baldacchino tħallashom is-soċjetà attriċi; l-ispejjeż l-oħrajn jinqasmu hekk: parti waħda minn sitta ($^{1}/6$) tħallasha s-soċjetà attriċi u ħames partijiet minn sitta ($^{5}/6$) jħallsuhom il-konvenuti konjuġi Baldacchino.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------